KUNSILL REĠJONALI LVANT

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 20

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

It-Tnejn 22 ta' Mejju, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa Marriott Hotel & Spa, San Ġiljan, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, is-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, u mill-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra.

20.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 19 li nżammet nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

20.2.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, irrimarka kif fil-minuti ma kien hemm l-ebda referenza għas-suġġeriment li kien sar sabiex isir basket taċ-ċarruta u dan jitqassam lir-residenti fil-lokalitajiet tar-Reġjun minflok jiġi stampat kalendarju u flyers bl-informazzjoni relatat mal-ġbir ta' l-iskart.

20.2.3 Is-Sur Dalli spjega kif hu kien qal ukoll sabiex fuq il-basket għandu jkun hemm l-emblema tar-Reġjun flimkien ma' l-emblemi tal-Kunsilli Lokali żgħar.

20.2.4 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti ġie deċiż sabiex tinġabar aktar informazzjoni dwar dan.

20.2.5 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

## 20.3 Komunikazzjoni mill-President

20.3.1 Il-President, Anthony Chircop, informa lill-membri dwar laqgħa li kienet inżammet nhar it-Tlieta 2 ta' Mejju 2023 ġewwa l-iskola Sekondarja ta' Pembroke fuq stedina mill-Kap tal-Iskola, is-Sur Lino Borg.

20.3.2 Il-President spjea kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Eċċelenza tagħha, Emeritus Marie Louise Coleiro kif ukoll is-Sindku tal-Gżira, Dott Conrad Borg Manche, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' San Ġiljan, Cher Fenech.

20.3.3 Il-President spjega kif ġiet ippreżentata riċerka dwar il-problemi preokkupanti ta' l-istudenti ġewwa l-Kulleġġ ta' Santa Klara u kien hemm talba sabiex ikun hemm għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Reġjonali sabiex tiżdied aktar għajnuna permezz ta' Counsellors f'dawn l-iskejjel.

20.3.4 Is-Sur Chircop spjega kif mill-perspettiva tiegħu, din ma taqax fil-kompetenza tar-Regjun pero mill-preżentazzjoni li saret jidher li hemm problema serja u jekk hemm xi mod li r-Reġjun jistà jkun ta' għajnuna, dan għandu jkun ikkunsidrat u esplorat.

20.3.5 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, ġibed l-attenzjoni kif matul din il-laqgħa kien ġie deċiż li jintbagħat kopja tal-preżentazzjoni li kienet saret pero din baqgħet ma waslitx. Hu spjega kif kieku wieħed kellu din l-informazzjoni f'idejh kien ikun jistà jifhem aħjar l-urġenza tas-sitwazzjoni preżenti.

20.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota dwar dan sabiex titlob kopja ta' din il-preżentazzjoni.

20.3.7 Il-President spjega kif, bil-permess tagħhom, inxandru kemm nistgħu din il-problema sabiex il-Minsiteru ta' l-Edukazzjoni

20.3.8 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, irrakomanda sabiex ir-Reġjun jitlob direzzjoni w suġġerimenti mingħand l-Profs. Andrew Azzopardi, forsi jkun hemm mod ta' kif wieħed jistà jkun t'għajnuna f'dawn iċ-ċirkutanzi.

20.3.9 Hu qal ukoll kif Profs. Azzopardi huwa espert fil-qasam u minflok wieħed jgħati għajnuna finanzjarja, bħala Reġjun jingħaqad ma' l-Università ta' Malta li għandha possibilment persuni voluntiera/student li qedin jistudjaw f'dan is-settur u li jistgħu jgħatu għajnuna diretta lis-settur u jkun miftuh għall-iskejjel kollha.

20.3.10 Il-President spjega kif għal din il-laqgħa hu xtaq li jinforma lill-membri dwar din is-sitwazzjoni u kif tkun waslet din il-preżentazzjoni r-Reġjun ikun jistà jara kif l-aħjar wieħed għandu jipproċedi.

20.3.11 *17:45pm – is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, wasal għal din il-laqgħa.*

- Konferenza u *study visit* ECAD

20.3.12 Il-President irringazzja lis-Sindki kif ukoll Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi li kienu preżenti għal din il-konferenza li nżammu nhar il-Ħamis 11 u l-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2023. Kien hemm parteċipazzjoni minn kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

- *Fondi mill-Aġenzija LESA*

20.3.13 Il-Presdent informa lill-membri dwar konfernza stampa li għaliha kien preżenti nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2023.

20.3.14 Hu spjega kif din il-konferenza kienet imsejħa mill-Ministru Owen Bonnici flimkien mas-Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli. Għal din il-konferenza kien hemm preżenti is-Sur Svetlic Flores mill-Aġenzija LESA, kif ukoll l-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava.

20.3.15 Is-Sur Chircop spjega kif ser ikun qed isir investiment mill-Aġenzija LESA ta' €600,000- fejn kull Kunsill Reġjonali ser ikun qed jingħata l-ammont ta' €100,000 fuq perjodu ta' sentejn.

20.3.16 Is-Sur Chircop qal ukoll kif korrispondenza uffiċċjali dwar dan kienet għadha ma waslitx pero dawn il-fondi ser ikunu qed jintużaw sabiex il-Kunsilli Lokali kif ukoll organizzazzjoni mhux governattiva (NGOs) jkunu jistgħu jgħamlu użu mis-servizz ta' Gwardjani Lokali waqt li jkun qed jinżamm avveniment kulturali u soċjo-kulturali.

20.3.17 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet sabiex tibgħat komunikazzjoni dwar dan lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun u tiġbor ftit informazzjoni fuq l-avvenimenti li saru fil-passat mill-Kunsilli Lokali u kemm kienu ntnefqu flus relatat ma' dan is-servizz biex b'hekk wieħed ikollu stampa aħjar ta' kif ser jiġu wżati dawn il-fondi.

20.3.18 IS-Sur Anthony Dalli staqsa jekk dawn il-fondi jistgħux jiġu wżati għall-servizz ta' Fire Engines waqt li jkun qed jinżammu dawn l-avvenimenti.

20.3.19 Is-Sur Chircop spjega li dawn il-fondi huma biss għall-użu tas-servizz tal-Gwardjani Lokali.

20.3.20 Il-President issġġerixxa li għandu jkun hemm ċertu responsabiltà f'kull talba li tiġi mressqa peress li dan ir-Reġjun huwa kompost minn lokalitajiet żgħar u anke kbar.

- *Laqgħa dwar il-Kick Scooters*

20.3.21 Nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju 2022 inżammu laqgħat ma' 4 Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun – Gżira, Sliema, Ta' Xbiex, Swieqi – ġewwa l-uffiċċju ta' l-AKL dwar il-kick scooters.

20.3.22 Hu spjega kif peress li hu kien imsiefer f'Brussel, il-Viċi President, is-Sur Max Zammit, kien preżenti għal dawn il-laqgħat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer Reġjonali ta' l-Ambjent.

20.3.23 Is-Sur Chircop spjega kif fejn jitratta parkeġġi għal dawn l-iscooters, din għandha tkun prerogattiva tal-Kunsill Lokali rispettiv u esprima kif jixtieq ikun jaf jekk din il-problema għandhiex tibqa tiġġielda bħala Reġjun jew individwalment.

20.3.24 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, spjega kif meta kien preżenti hu għal din il-laqgħa, ma kien hemm l-ebda rappreżentant mir-Reġjun Lvant u meta waslu għal din il-laqgħa u talba biex jidħlu, dawn ma tħallewx.

20.3.25 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif kien hemm żball fil-ħin u waslu ftit minuti tard u kkonfermat dak li qal is-Sur Pillow.

20.3.26 Is-Sur Pillow spjega kif f'din il-laqgħa hu talab sabiex dawn il-kickscooters jitneħħew minn fuq il-promenad minħabba l-veloċita li tkun qed tintuża biex jinstaqu u kif ir-rappreżentanti minn TM ma aċċettawx din it-talba. Hu żied jgħid ukoll kif waqt din il-laqgħa ġew infurmati li fi ftit ġimgħat oħra ser ikunu qed jiżdiedu madwar 2,000 kick scooter oħra.

20.3.27 Wara li nżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex kull Kunsill Lokali jiddeċiedi fejn dawn il-parkeġġi għandhom jiġu u sabiex ir-regolamenti u miżuri jipproċedu bħala Reġjonu u mhux mod individwalment.

- *Laqgħa ma' Heritage Malta*

20.3.28 Il-President għamel referenza għal din il-laqgħa li kellu s-Sur Chircop nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 2023 mas-Sur Mario Cutajar dwar il-biennale – tema fuq arti kontemporanja. Hu żied jgħid kif din il-laqgħa saret peress li kien infurmat li dan ir-Reġjun ser ikun ir-Reġjun tal-Kultura 2024 u għal din ir-raġuni dawn l-avvenimenti għandhom ikunu parti minn dan il-programm.

20.3.29 Is-Sur Chircop kompla jispjega kif is-Sur Cutajar esprimar x-xewqa li dawn l-avvenimenti jinżammu f'April u Mejju 2024 u kif kull Lokal li għandu lil xi ħadd relata f'dan il-qasam, u li jkun għadu artist mhux renomat, għandu jressaq id-dettalji.

20.3.30 Hu spjega kif diġa hemm ħames parteċipanti, waħda minnhom hija Franza fejn ser ikun qed jiġi katamarn li jkollu eżibizzjoni fuqu u minn hawn jibqa sejjer Venezja u kif il-pajjiżi ser ikunu qed joffru postijiet storiċi biex ikunu jistgħu jinżammu dawn l-eżebizzjonijiet.

20.3.21 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, staqsa jekk dan hux ser ikun Biennale bl-istil bħal ma jsir ġewwa Venezja peress li dan normalment isir f'pajjiż wieħed u jkun jiswa l-miljuni.

20.3.22 Is-Sur Chircop spjega kif dan ġiet indirizzata lejn dan ir-Reġjun peress li dan ir-Reġjun juri ċertu serjeta u jixtiequ li jintlaħaq ċertu livell u għal din ir-raġuni ħeġġeġ lill-membri sabiex flimkien isibu siti adekwati fi ħdan ir-Reġjun fejn dawn ikunu jistgħu jinżammu.

20.3.23 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, spjega dwar artist li għandhom fil-lokali li wara ħafna żmien ser ikun qed jgħamel l-ewwel eżebizzjoni tiegħu

20.3.24 Dott Sciberras qal kif wieħed għandu joqgħod attent x'qed ikun mistenni mill-artisti

20.3.25 Is-Sur Chircop spjega kif hu jixtieq li jħeġġeg aktar artisti sabiex jipparteċipaw.

- *Laqgħa ma' rappreżentant mill-FSWS, Community Section*

20.3.26 Il-President għamel referenza għal din il-laqgħa fejn spjega kif is-Sa Denise Farrugia tkelmet miegħu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fejn ser ikun qed jiżamm proġett pilota f'uħud mill-lokalitajiet u kif minn dan ir-Reġjun, din il-lokalità ser tkun qed tinżamm ġewwa Birkirara.

20.3.27 Hu spjega wkoll kif dawn ser ikunu qed jgħamlu studju u jinżammu *focus groups* sabiex ikun hemm stampa ċara aħjar tas-sitwazzjoni kif tinsab fil-preżent.

20.3.28 Is-Sur Chircop qal ukoll kif waqt din il-laqgħa l-President spjega kif dan ir-Reġjun ser ikun qed jgħamel is-*Social Impact Assessment* u kif dan jistà jkun t'għajununa għalihom. B'hekk hi ġiet infurmata dwar dan u sabiex tagħmel kuntatt mal-Profs Azzopardi.

- *Social Impact Assessment*

20.3.29 B'referenza għall-istudju li jrid jinżamm mir-Reġjun, is-Sur Chircop spjega kif aktar kmieni dakinhar ta' din il-laqgħa kien ġie ffirmat il-kuntratt tal-ftehim minnu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex dan l-istudju jsir mill-Univerità ta' Malta.

20.3.30 Is-Sur Chircop spjega kif dan il-kuntratt għandu jieħu madwar tmien xhur sabiex jitlesta u malli dan ikun lest, ser ikun qed jiġi ippreżentat lill-Kunsilli Lokali kollha fi ħdanu.

## 20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

20.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 20.5 Preżentazzjoni mill-Maniġer tal-Proġetti – is-Sur Kurt Camilleri

20.5.1 Il-President informa lill-membri kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu talbu lis-Sur Camilleri sabiex ma jattendix għal din il-laqgħa minħabba li ħafna mill-membri nfurmaw li ma setgħux jattendu kif ukoll peress li uħud mill-membri kellhom jiskużaw ruħhom mill-laqgħa kmieni minħabba laqgħa oħra li kellha tinżamm aktar tard.

20.5.2 Is-Sur Chircop żied jgħid kif peress li l-ħin kien limitat, is-Sur Camilleri għandu jattendi fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 20.6 Rapporti – *Management Letter* u *Letter of Reply*

20.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda dawn iż-żewġ dokumenti għall-approvazzjoni tal-membri. Liema dokumenti kienu diġa ġew iċċirkulati lill-membri flimkien ma' l-Aġenda.

20.6.2 Is-Sur Anthony Dalli staqsa dwar punt fejn l-awditjar kien hemm miktub 'qualified report' fejn jidħol Datatrak.

20.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan il-punt jissemma f'kull sena dwar is-sistema tal-Loqus u għal din ir-raġuni hi ċemplet immedjatament lill-Accountant, is-Sa Romina Perici Ferrante, sabiex dan il-punt jiġi kjarifikat.

20.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri kif l-Accountant spjegat kif din għandha tiġi rranġata mil-Loqus u għal din ir-raġuni, ir-Reġjun ma jistà jgħamel xejn biex dan il-punt jitneħħa.

20.6.5 Il-membri preżenti approvaw il-*Letter of Reply* li kienet ġiet ippreżentata.

## 20.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- ***Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali***

20.7.1 Il-President spjega kif is-sejħa taż-żewġ maniġers – Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali u Uffiċjal Reġjonali ta' l-IT kienu ġew ippublikati esternament il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2023.

20.7.2 Is-Sur Chircop qal kif għal pożizzjoni ta' Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej, sad-data ta' l-għeluq dan ir-Reġjun kien irċieva erbgħa applikazzjonijiet li kienu eleġibbli u għal din ir-raġuni l-bord iltaqa nhar il-Ħamis 4 ta' Mejju 2023 fejn ġew intervistati żewġ applikanti.

20.7.3 Il-bord kompost mis-Sur Anthony Chircop u s-Sur Conrad Borg Manche iddeċidew li din is-sejħa għandha terġa tinħareġ pero dawn iz-żewġ applikanti għandhom jinżamm bħala possibilità. Għal din ir-raġuni din is-sejħa reġgħet inħarġet u ser tkun qed tagħlaq, f'nofsinhar, it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023.

20.7.4 Is-Sur Chircop spjega kif fuq dan il-bord kellu jkun preżenti s-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, pero ftit tal-ħin qabel inżammu l-intervisti, konna ġejna nfurmati li ma setax jattendi minħabba impenn ieħor u s-sostitut, is-Sur John Pillow, kien infurmana minn qabel li ma kienx jistà jattendi.

20.7.5 Is-Sur Chircop spjega kif wieħed minn dawn l-applikanti kien validu aktar mill-applikant l-ieħor u jekk mis-sejħa li nħarġet ma jkun hemm l-ebda applikant, dan ir-Reġjun ser ikun qed jgħażel dan l-applikant li kien qed jinżamm għal din il-pożizzjoni.

20.7.6 Is-Sur Chircop qal ukoll kif fir-rigward tal-vakanza ta' IT Manager, peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni din is-sejħa reġgħet inħarġet esternament u ser tkun qed tagħlaq it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023.

20.7.7 B'referenza għas-sejħa għal Uffiċjal tal-Kultura, peress li s-sejħa li kienet inħarġet b'mod intern u peress li sad-data ta' l-għeluq ma kien hemm l-ebda applikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Jobsplus u lid-DLG sabiex jitkompla l-proċess.

20.7.8 Is-Sur Chircop spjega kif din is-sejħa ġiet ippublikata esternament nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju 2023 u kif l-applikazzjonijiet għandhom jaslu sal-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2023. Il-bord ser ikun qed jiltaqà sabiex iżomm l-intervisti ġaladarba jkun hemm applikazzjonijiet adekwati għal din is-sejħa.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant*

20.7.9 Il-President informa lill-membri kif l-applikant li kien ġie magħżul għal din il-pożizzjoni kien infurmana li ma kienx għadu interessat u għal din ir-raġuni is-Segretarju Eżekuttiv talbet lid-Diviżjoni sabiex din is-sejħa tinħareġ mill-bidu bil-kundizzjonijiet li ġew ippublikata riċenti sabiex jiġu milħuqa aktar nies adekwati għal din il-pożizzjoni.

20.7.10 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Aġġornament dwar l-Accounts Officer (Scale 11 – Full Time)*

20.7.11 Il-President informa lill-membri kif b'referenza għal din il-vakanza l-għada tal-laqgħa preċedenti, l-applikanta ġiet infurmata bil-miktub bid-deċiżjoni li kienet ġiet meħuda. L-applikanta aċċettat din il-pożizzjoni u ser tkun qed tibda l-impjieg tagħha mill-aħħar ta' Ġunju 2023.

## 20.7 Reġjun tal-Kultura 2024

20.7.1 Il-President spjega kif l-espressjoni ta' interess ġiet imwaqqfa mill-Monitoring and Support Unit peress li din għandha tkun maħruġa forma ta' tender u mhux espressjoni ta' interess kif konna ġejna nfurmati qabel.

20.7.2 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni, ser tkun qed tiġi maħruġa sejħa.

## 20.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Laqgħa mad-Dipartiment tal-Probation and Parole Department*

20.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar din il-laqgħa li kienet inżammet nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023 mas-Sa Antonella Debono fejn qed joffru servizzi lil dawk il-persuni vulnerabbli li jkunu ngħataw Ordni mill-Qorti bbażara fil-komunità.

20.8.2 Is-Sur Chircop żied jgħid kif huma jixtiequ jgħamlu kuntatt mal-Kunsilli Lokali sabiex jingħataw laqgħat informattivi dwar possibilitajiet ta' *placements* mal-Kunsilli Lokali. Permezz ta' din l-għajnuna, nies vulnerabbli jkunu jistgħu jingħataw l-opportunità li jaħdmu bla ħlas u jpattu għall-aġir tagħhom filwaqt li jiġu mħeġġa.

20.8.3 Is-Sur Chircop qal ukoll kif is-Sa Debono flimkien mad-Direttur Ġenerali ta' dan id-Dipartiment ser ikun qed jattendi laqgħa li tinżamm mas-Segretarji Eżekuttivi sabiex jingħataw l-informazzjoni neċessarja. Umbad kull Kunsill Lokali għandu jressaq it-talba tiegħu ġaladarba jkun interessat.

- *Kunsill Lokali ta' tas-Sliema*

20.8.4 Il-President ressaq fuq il-mejda talba f'isem dan il-Kunsill sabiex mill-fondi marbuta ma proġetti sportivi u avvenimenti kulturali dan il-Kunsill qed jitlob sabiex €4,000: Parti mill-attivita ta' Sliema Wanderers

bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-promozzjoni tagħhom għall-Premier [l-attivita diġà nżammet]; €1,000 għall-attivitijiet ta' kull Każin (ammont totali ta' €4,000); €1,000: Exiles Water Polo Club; €1,000: Sliema Water Polo Club; €1,000: Sliema GEEE Hockey Club; €1,500: Sliema Wanderers Nursery; u €500: Mużew Stella Maris

20.8.5 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mill-istess Kunsill sabiex mill-fondi marbuta ma proġetti ta' tisbieħ dan il-Kunsill ser ikun qed jutilizzahom f'proġett ta' tisbieħ ġewwa Pjazza Sant'Anna.

20.8.6 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda talba oħra mill-istess Kunsill sabiex mill-fondi marbuta mat-titlu tar-Reġjun Ewropew ta' l-isports 2023 fejn €500 li intużaw għall-fondi marbuta ma' lavveniment li nżammet mill-BulletProof. Il-bqija jixtiequ li dawn il-fondi jintużaw sabiex issir attivita ta' BMX illi għandha tiġi konkluża.

20.8.7 Il-membri preżenti approvaw dawn it-talbiet.

- *Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

20.8.8 Il-President ressaq fuq il-mejda talba f'isem dan il-kunsill sabiex tittella attività sportiva minn Lija/Iklin Football Youth Academy taħt it-titlu 'Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 nhar is-Sibt, 27 ta' Mejju 2023 fi Pjazza Ninu Cremona L-Iklin. Peress li l-lokalità tal-Iklin m'għandhiex faċilitajiet sportivi, nibtet din l-ideja li tiġi organizzata street futbol, prattika li kienet issir fl-imgħoddi fejn it-tfal kienu jilagħbu fit-toroq. Din l-attività sportiva se tkun qed issir f'ġurnata speċjali għal-lokalità tal-Iklin għaliex se tkun qed tiġi ċċelebrata Festa Fjuri fi Triq Anton Buttigieg u għaldaqstant ser tkun qed tinħoloq sinerġija manifestata fil-logħba tal-futbol taħt l-umbrella 'Reġjun Ewropew tal-Isport'.

20.8.9 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

20.8.10 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi tal-Proġetti ta' Titjieb fil-Lokalita' japplikaw biex isiru 10 fanali għat-triq Preziosi u triq Merino kif ukoll 4 fanali fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. L-ammont bejn wieħed u ieħor huwa ta' €11,474.62 (10 fanali €796.50 u 4 Fanali ta' Vjal it-Transfigurazzjoni €877.41).

20.8.11 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda talba oħra mill-istess Kunsill Lokali sabiex mill-fondi tal-Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u Baned japplikaw biex jingħataw €500.00 għall-manutenzjoni tal-Kappella tal-Mirakli u €500.00 lill-Lija FC għall-manutenzjoni tal-pitch li jinsab fiċ-Ċentru Rikreattiv.

20.8.12 Il-membri preżenti approvaw dawn iż-żewġ talbiet.

- *Kunsill Lokali ta' San Ġiljan*

20.8.13 Il-President ressaq fuq il-mejda diversi talbiet li kienu qed jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni f'isem dan il-Kunsill, fosthom:

- Attivitajiet Sportivi li jridu jinzammu that it-titlu Regjun Ewropew tal-Isport 2023 – ser jintuzaw ghal attivitajiet sportivi ta basketball tournament, Sports Day u Gostra u Biliard Tournament kif diga ntbaghat lir-Regjun;
- Progetti Kulturali, sports, Muzika, Jum il-Lokalu u Baned – Din ser tigi diskussa waqt il-laqgha li jmiss tal-Kunsill;
- Progetti ta' titjieb fil-lokalita' – dawn ser ikunu qed jintuzaw fuq mantunezzjoni fuq Road Markings, Signs, Bins u Doggy Bins, installazjoni gdida ta' dawl gewwa Triq Charles Schiberras u manutenzjoni fuq belishia beacons, skond kemm iservu l-fondi;
- Xiri jew Kiri ta tizjin tal-Milied – dawn l-fondi ser ikunu qed jinqataw mit-tender tal-Christmas Lights.

20.8.14 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex*

20.8.15 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet għamlet referenza għat-talba li kienet ġiet mgħoddija fil-laqgha preċedenti mill-, nixtiequ ninfurmawkom li dan il-Kunsill kellhom fondi pendenti minn Skema 1/2022 ta' €343.00 u minn Scheme 2/2022 ta' €1918.09, total €2,261.09.

20.8.16 Is-Sa Galea spjegat kif id-differenza ser tkun qed tiġi mnaqqsa mill-fondi li ma kienux ġew utilizzata mill-kumplament tal-Kunsilli Lokali matul is-sena 2022.

20.8.17 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni.

20.8.18 Il-President fakkar lill-membri sabiex sal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss, dawk il-fondi marbutin mar-Reġjun Ewropew ta' l-Isports għas-sena 2023, għandha tiġi mressqa talba bil-miktub mill-Kunsilli Lokali sabiex ir-Reġjun ikun jaf x'avvenimenti ser ikunu ser jinżammu.

20.8.19 Hu spjega kif ir-Reġjun kien qed jiġi avviċinat minn diversi għaqdiet sabiex jinżammu avvenimenti oħra u l-ewwel jixtieq li jkunu ġew intużati l-fondi mgħotija.

20.8.20 Il-membri qablu dwar dan.

- *Kunsill Lokali tal-Gżira*

20.8.21 Is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, xtaq iressaq talba f'isem dan il-Kunsill Lokali u skuża ruħu li ma kienx leħaq bagħat din it-talba bil-miktub qabdel din il-laqgħa.

20.8.22 Dott. Borg Manche talab sabiex dan il-Kunsill ikun jistà juża parti mill-fondi

- *Uniformi*

20.8.23 Il-President informa lill-membri kif l-impjegat, is-Sur Albert Gatt, kien għalaq sitt xhur jaħdem ma' dan ir-Reġjun u għal din ir-raġuni għandha tiġi ordnata uniformi.

20.8.24 Is-Sur Chircop ressaq kwotazzjoni ta' €370.52 fejn din ġiet approvata mill-membri preżenti.

- *Kaleici Festival 2023*

20.8.25 B'referenza għat-tmien edizzjoni ta' dan il-festival li ser jinżamm mit-12 sal-15 ta' Ottubru 2023, ġewwa Muratpaşa/Antalya,Türkiye, il-President informa lill-membri kif din l-istedina ser tkun qed tiġi diskussa mill-AKL fil-laqgħa ta' l-eżekuttiv nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2023.

20.8.26 Is-Sur Chircop żied jgħid kif madanakollu rridu ninfurmaw bl-interess u l-attendenza ta' min ser ikun qed jipparteċipa f'isem il-Kunsill Reġjonali Lvant. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed titlob lis-Sindki/rappreżentanti sabiex jinfurmawna min ikun jixtieq jattendi f'isem dan ir-Reġjun.

- *Laqgħa Ġenerali Annwali 2023*

20.8.27 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar din il-laqgħa li ser tkun qed tinżamm nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju 2023 ġewwa Mariott Hotel, San Ġiljan. Għal din ir-raġuni nġabru 3 kwotazzjonijiet bħala venue. L-orħos kienet dik ippreżentata minn Marriott Hotel. Ġew avviċinata diversi persuni li ser ikunu fuq il-panel sabiex jiġu diskussa żewġ suġġetti – Livable Localities u Region of Culture 2024. Fuq il-panel ser ikun hemm preżenti Profs Maria Attard, Mr Ramona Mericieca minn GLOBE, u Dott Michael Brigulgio. Fuq il-panel tal-kultura ser ikun hemm preżenti is-Sur Toni Attard, Dott. Valerie Visanich, kif ukoll is-Sur Adrian Debattista f'isem l-Arts Council Malta. Din il-laqgha ser tkun qed tiġi moderata mis-Sur John Mallia. Ser

ikun hemm preżenti għal din il-laqgħa is-Sur Mario Fava, is-Sur Natalino Attard u l-Onor. Darren Carabott. Sfortunatament l-Onor Alison Zerafa Civelli għandha impenn ieħor.

- *Kwotazzjonijiet għal servizz ta' l-Avukat*

20.8.28 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotwazzjonijiet li kienu ġew provduta mill-uffiċċju amministrattiv.

20.8.29 Is-Sur Chircop spjega kif l-orħos kwotazzjoni kienet dik provduta minn Dott. Sladden u peress li l-kontribuzzjoni fil-każ li għadu għaddej mill-Qorti mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, is-Segretarju Eżekuttiv m'għandhiex bżonn titla aktar fil-qorti f'isem ir-Reġjun minħabba dan il-każ, kien hemm qbil li jistà jintagħżel Dott. Sladden.

20.8.30 Il-mmebri preżenti qablu dwar dan.

- *Kwotazzjonijiet sabiex jiġu ppublikati l-ktieb mal-proġett Regional Treasure Hunt*

20.8.31 Is-Sa Galea ressqet fuq il-mejda diversi kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw diversi oġġetti relatati mat-tnedija ta' dan il-proġett.

20.8.32 Is-Sa Galea infurmat ukoll lill-membri kif JB Stores ser ikun qed jipprovid 300 *bucket hat* b'risq dan il-proġett.

20.8.33 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjonijiet ippreżentati.

## 20.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

20.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

20.9.2 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 17A u 17B.

20.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 20.10 Mozzjonijiet

20.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 20.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Ġunju 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 26 ta' Ġunju, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |